**23 ta' Ġunju, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A. J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D. President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Caterina Gerada

*versus*

Avukat Dr. Antonio Caruana

**Sentenza — Sospensjoni.**

*F'din il-kawża, l-attriċi, li kienet eżerċitat kontra l-konvenut id-dritt tagħha ta' rkupru fuq fond minnu possedut, talbet li jiġi dikjarat validu l-eżerċizzju ta' dak l-irkupru, u illi l-konvenut jiġi kundannat jagħmlilha r-rivendizzjoni. Wara li saru diversi attijiet fil-kawża, u wara li kienu ngħataw diversi sentenzi fiha, fosthom dik li l-irkupru k'en ġie eżerċitat validament, u kien baqa' biss li tiġi deċiża t-talba għall-kundanna tal-konvenut biex jagħmel ir-rivendizzjoni u biex jingħataww il-provvedimenti opportuni għall-każ li hu jonqos milli jagħmel dik ir-rivendizzjoni, u l-kawża kienet waslet fl-istadju li tiġi deċiża fuq dawn l-aħħar imsemmija domandi, il-konvenut talab li d-deċiżjoni tal-kawża tiġi sospiża sakemm tiġi deċiża kawża oħra li hu kien ippreżenta ġurnata qabel, li biha talab, in kontestazzjoni mal-interessati, fosthom l-attriċi, dikjarazzjoni li kienet nulla liberazzjoni li kienet saret favur tiegħu tal-fond li mill-poter t'egħu rkuprat l-attriċi. Iżda l-Qorti, in vista tas-sentenzi li kienu ġa mogħtija fil-kawża, speċjalment dik li kienet iddikjarat validament eżerċitat l-imsemmi rkurpru, irriten'et li ma kienx il-każ li tiġi sospiża l-kawża dwar dawk id-domandi li kien baqa' mhux deċiżi, li kienu neċessarjament konsegwenzjali ta' dawk ġa deċiżi. U, prevja din iċ-ċaħda, qatgħet il-kawża dwar dawk l-aħħar imsemm'ja domandi.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenzi preċedenti tagħha, li fihom jinsabu rijassunti t-talbiet tal-attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u partikolarment (a) is-sentenza tat-3 ta' Ġunju

1946, li biha ġie dikjarat u deċiż illi l-attriċi eżerċitat tajjeb id-dritt tagħha ta' retratt minħabba t-titolu tal-viċinanza, salva, in riferenza għat-tieni talba tal-attriċi, l-eċċezzjoni mogħtija mill-konvenut illi huwa anki konsorti fid-dar ir-kuprata bħala eredi ta' Maria Teresa Caruana, kif jas-serixxi huwa, u (b) is-sentenza tal-25 ta' April 1958, li biha ġiet konfermata s-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-30 ta' Ottubru 1957, li kienet ċaħdet l-imsemmija eċċezzjoni tal-konvenut li huwa bħala komproprjetarju tal-fond ir-kuprat għandu d-dritt ta' ritenzjoni, u ġie ordnat li titkompla t-trattazzjoni fuq l-aħħar żewġ talbiet tal-attriċi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Fis-seduta tat-12 ta' Mejju 1958 il-konvenut ippreżenta nota, li biha eċċepixxa illi l-liberazzjoni tal-fond in kwistjoni magħmula favur tiegħu fis-subasta tat-13 ta' Settembru 1941 kienet nulla, peress li dak il-fond ma kienx jappartjeni lid-debitur Dr. Giuseppe Fenech, għax kien suġġett għall-patt reversiv li fuq il-kuntratt taż-żwieġ ta' Maria Teresa Caruana, riċevut minn Nutar Michele Psaila fid-9 ta' Mejju 1852, id-dotant, Dottor Vincenzo Caruana, kien irriżerva favur il-parenti l-aktar prossimi skond ir-regoli tas-suċċessjoni "ab intestato", fosthom il-konvenut, kif jidher mill-arblu ġenealoġiku u dokumenti ġustifikattivi in atti;

Iżda b'nota oħra, preżentata fis-seduta tad-9 ta' Mejju 1958, l-istess konvenut iddikjara illi l-ġurnata ta' qabel hu kien ippreżenta ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fejn talab, in kontestazzjoni tal-eredità ġjaċenti ta' Dr. Giuseppe Fenech, u in kontestazzjoni tal-attriċi, id-dikjarazzjoni tan-nullità tal-imsemmija liberazzjoni. L-istess ħaġa l-konvenut ik-konferma wkoll oralment quddiem il-Qorti, kif jidher mill-verbal tal-istess data; u għalhekk talab li d-deċiżjoni fil-kawża preżenti tiġi sospiża sakemm tiġi deċiża dik iċ-ċitazzjoni l-oħra;

Ikkunsidrat;

Fl-istat tal-attijiet, u in vista tas-sentenzi ġa mogħtija f'din il-kawża, speċjalment dik tat-3 ta' Gunju 1946, li biha ġie dikjarat u deċiż validament eżerċitat mill-attriċi d-dritt tagħha ta' rkupru bit-titolu tal-viċinanza kontra l-istess konvenut għar-rigward tal-fond *liberat favur tiegħu*, din il-Qorti tirritjeni li mhux il-każ li tiġi sospiża l-kawża dwar iż-żewġ domandi rimanenti tal-attriċi, li huma neċessarjament konsegwenzjali ta' dawk ġa deċiżi;

Ikkunsidrat;

Dwar dawn iż-żewġ domandi ebda eċċezzjoni oħra ma qajjem il-konvenut. Għar-rigward tat-tielet domanda l-konvenut iddikjara illi l-ispejjeż li hu għamel fl-okkażjoni tal-akkwist jammontaw għal £2.19.11, kif dettaljati a fol. 380. Dan l-ammont ma ġiex kontestat mill-attriċi. Il-konvenut qal ukoll illi hu għamel xi spejjeż utili u neċessarji fil-fond, iżda hu stess stqarr illi dawn ma humiex meritu ta' din il-kawża, u li saru wara l-irkupru;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tiddeċidi billi;

Tilqa' t-tieni u t-tielet talba tal-attriċi; tillikwida fissomma ta' £2.19.11 l-ammont tal-ispejjeż leġittimi magħmula mill-konvenut fl-okkażjoni tal-akkwist minnu magħmul tal-fond in kwistjoni; tagħti lill-konvenut xahar żmien biex jagħmel ir-rivendizzjoni favur l-attriċi, liema żmien għandu jibda jgħaddi minn dak inhar li l-konvenut jiġi notifikat li ġie bl-ammont fuq imsemmi ntegrat id-depożitu magħmul mill-attriċi; u fil-każ li r-rivendizzjoni ma ssirx *fiż-żmien hekk prefiss, tiddikjara li r-rivendizzjoni* għandha topera bis-saħħa ta' din is-sentenza;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.